MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 268/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur A. Miruzzi)**
**Vs**
**Julian Xriha**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Marzu, 2005 ghall-habta tal-11.00 a.m., waqt li kien f'Kennedy Grove :**
**1) kellu fil-pussess tieghu (fil-vettura JUL 163 Toyota Hilux) jew taht il-kontroll tieghu, arma tan-nar u munizzjon jew xi mezz iehor biex tikkaccja jew jiehu ghasafar f'santwarju tal-ghasafar;**
**2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar, garr, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu barra mill-**

**ghata taghha arma tan-nar u munizzjon jew xi mezz iehor biex tikkaccja jew tiehu ghasafar;**
**3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm arma tan-nar go vettura ikkargata jew barra mill-ghata taghha, jew dar ghall-kacca ghal xi ghasfur jew ghall-fenek selvagg, jew ikkaccja jewipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur jew fenek salvagg;**
**4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 3 tal-Kap. 66 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja;**
**5) sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. A.J. Vella LL.D) datata 6 ta' Dicembru, 2004, liema sentenza hi definittiva w ma tistax tigi mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-Avviz Legali 146/93, 9(1)(a), l-Avviz Legali 146/93 art. 9(h), l-artikolu 3 tal-Kap. 66 kif ukoll ir-recidiva, sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi kontra tieghu w ikkundannatu ghall-multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250), kif ukoll skwalifikatu mill-licenzja tal-kacca ghall-perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta' Settembru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza appellata fejn sabet hati lill-appellant u tilliberah minn kull akkuza w htija w fin-nuqqas tirriforma l-istess sentenza billi tapplika piena anqas oneruza, thassar il-konfiska tal-arma Beretta tal-appellant u ma tordnax is-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sena lill-appellant.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-20 t' Ottubru, 2005, li bih Dottor Angelo Farrugia ghall-appellant iddikjara li l-appellant kien qed jirtira z-zewg aggravji ndikati bhala (1) u (2) fir-rikors tal-appell tieghu kif ukoll rat in-nota tal-istess data minnu prezentata fl-istess sens;**

**Rat li ghalhekk l-uniku aggravju tal-appellant rimanenti huwa s-segwenti :- li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati tar-recidiva meta ma saret l-ebda prova f' dan ir-rigward.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-appellant gie akkuzat b' diversi reati li jirrigwardaw il-kacca llegali w garr ta' arma tan-nar, kommessi fil-11 ta' Marzu, 2005 , kif ukoll *"talli sirt recidiv b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. A.J. Vella LL.D.) datata 6 ta' Dicembru, 2004, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula."***

**Illi, kif jidher mill-verbal a fol. 4 tal-process, l-imputat illum appellant, assistit minn Dr. Edward Gatt, deher u** *"Giet ammessa l-akkuza. Il-partijiet ittrattaw il-kawza dwar il-piena"* **.**

**Illi ghalhekk jidher car u manifest li gie ukoll ammess l-addebitu tar-recidiva, ladarba ma saret ebda rizerva jew kwalifika ta' dak li gie ammess ghaliex l-addebitu tar-recidiva huwa parti mill-akkuza. Illi l-ammissjoni jew konfessjoni dejjem giet ritenuta li la tkun saret volontarjament u minghajr theddid, intimidazzjoni, promessi jew suggerimenti ta' vantagg hija l-aqwa prova ossia l-prova regina tal-htija u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li tingab prova ulterjuri tal-addebitu tar-recidiva.**

**Inoltre mill-fedina penali aggornata tal-appellant din il-Qorti hija altru minn sodisfatta li l-persuna indikata fil-fedina penali esebita hija l-istess wahda tal-appellant odjern, stante li l-konnotati jaqblu perfettament. Ghalhekk f'dan l-kaz anki l-fedina penali – li turi zewg**

**kundanni ghal reati li ghandhom x' jaqsmu mall-kacca, wahda fit-3 ta' Dicembru, 2001 u ohra fis-**6 ta' Dicembru, 2004, li tissemma fl-addebitu **– taghmel prova konkluzziva li kellu jirrizulta l-addebitu tar-recidiva li issa l-appellant qed jilmenta dwaru.**

**Ghalhekk dan l-ilment hu ghal kollox infondat u jirrazenta l-frivolu w vessatorju w qed jigi michud.**

**Waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur tal-appellant talab riduzzjoni fil-piena, partikolarment fil-periodu tal-iskwalifika mil-licenzja tal-kacca ghall-periodu ta' sena. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex ir-regolament 25 tal-Avviz Legali 146/1993, kif emendat bl-Avviz Legali 41/2003, jipprovdi - fil-kaz tat-tieni jew ghal kull reat iehor sussegwenti - ghall-multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux aktar minn elfejn lira maltin (LM2000) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa w prigunerija flimkien. Konsegwentement trattandosi tat-tielet reat fi spazju ta' tlitt snin u tlitt xhur, l-Ewwel Qorti kienet altru milli miti mall-appellant fil-multa erogata. Inoltre skond ir-Regolament 25 (2) (b), kif emendat, l-Qorti tista' ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja jew il-permess ghall-periodu ta' <u>mhux inqas minn sena</u> imma mhux aktar minn tliet snin. Anki hawn l-Ewwel Qorti applikat l-inqas periodu ta' sospensjoni possibbli w din il-Qorti tqis li kien il-kaz li tigi applikata s-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca w ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tvarja dan il-periodu ta' sospensjoni, li hu l-inqas wiehed possibbli skond ir-Regolamenti.**

**Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.**

**Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, b' dan li l-periodu tas-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca jibda jghaddi minn-nofs il-lejl tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------